# Il-Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu, Magħruf bħala "tal-Morda"

**Christian Pace**

*B.Com (Hons.), M.A. Econ.*

Fost l-iktar affarijiet prezzjużi li wieħed isib fis-Santwarju hemm inkwadru bi xbieha żgħira tal-Madonna tal-Karmnu magħluq f'kaxxa tal-fidda u mżejjen b'bosta għotjiet u ornamenti mad-dawra tagħha. Din ix-xbieha, magħrufa bħala "tal-Morda" tgawdi devozzjoni kbira fil-Belt, tant li kienet ta' spiss tiġi mitluba biex tittieħed f'xi djar ta' xi ħadd marid.



Il-Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu magħruf bħala "tal-Morda".

Ma hemm l-ebda tagħrif fuq meta nġiebet Malta din ix-xbieha jew meta saret, għalkemm ħafna kienu jaħsbu li ġabuha magħhom Malta il-Patrijiet Karmelitani minn Sqallija, fis-sena 1418[1], iżda skont P. Lawrenz Sammut, Karmelitan, din ix-xbieha ġiet mogħtija lill-Karmelitani minn ċerta mara twajba, Cassandra Rodudena.[2] Din il-mara li kienet Terzjarja Karmelitana, fis-17 t'Ottubru 1589, għamlet testment fejn fost affarijiet oħra ħalliet *"xbieha żgħira tal-Madonna tal-Karmnu pinġuta u bil-gwarniċ tal-fidda li hija antika u għażiża ferm, biex titqiegħed fl-artal tal-Ispirtu s-Santu."*[3] Fit-8 ta' Jannar tas-sena 1783, din ix-xbieha tqiegħdet fil-kaxxa tal-fidda li naraw illum. Din il-kaxxa tħallset minn bosta wiegħdi kif ukoll mill-Baruni Alessandro D'Amico.



Il-Knisja magħrufa bħala "Ta' Hamet" limiti tax-Xagħra Għawdex. Din il-knisja hija ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu.

Fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tal-Labtu fl-1951 din ix-Xbieha kienet ittieħdet fil-gżira t'Għawdex għal xi jiem fejn daret bosta knejjes u parroċċi. Il-Ħadd 10 ta' Ġunju bdew




Lapida mal-faċċata tal-knisja Ta' Hamet li qiegħda tikkommemora dan il-pellegrinaġġ bil-kwadru "tal-Morda" lejn din il-knisja.



Il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu merfugħ minn Patrijiet Karmelitani hekk kif wasal fil-gżira t'Għawdex, fi triqtu lejn il-knisja "Ta' Hamet" fix-Xagħrfa.



Il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu ħiereġ mill-Parroċċa ta' San Ġorġ fi triqtu lejn it-Tokk.

katina ta' pellegrinaġġi fejn ittieħdet fil-Knisja *Ta' Hamet* fix-Xagħra. Wara li waslet fix-Xatt tal-Imġarr, qabel ma waslet fix-Xagħra, telgħet purċissjoni u għaddiet mir-raħal ta' Għajnsielem u x-Xewkija fejn kien hemm laqgħa sabiħa minn bosta devoti Karmelitani. Il-Ħamis 14 ta' Ġunju din ix-Xbieha telqet mill-Knisja *Ta' Hamet* għall-Parroċċa ta' San Ġorġ ġewwa r-Rabat. Hawnhekk damet sal-Ħadd 17 ta' Ġunju fejn saret purċissjoni kbira sat-Tokk li kkonkludiet dawn il-Pellegrinaġġi. Fil-jiem ta' wara din ix-Xbieha baqgħet Għawdex biex daret xi parroċċi oħra.

Illum dan l-inkwatru tal-Morda jiġi armat fis-Sagristija fil-ġranet tal-festa.

**Riferenzi**

[1] P. Lawrenz Sammut, Is-Santwaru tal-Karmnu tal-Belt, pġ 84.
[2] Ibid
[3] Ibid


